V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

KUMMISSJONI

Sejħa għal proposti — "Azzjoni Preparatorja MEDIA International"

(2008/C 85/06)

1. Għanijiet u deskrizzjoni

L-"Azzjoni Preparatorja MEDIA International" hija maħsuba biex jiġu eżaminati u ttestjati attivitajiet ta' kooperazzjoni bejn il-professjonisti Ewropej tal-films u l-professjonisti minn pajjiżi terzi. Tkopri:

— appoġġ għat-taħriġ,

— appoġġ għall-promozzjoni,

— appoġġ għall-iżvilupp ta' netwerks taċ-ċinema.

Fl-ambitu tal-Programm ta' Ħidma għall-"Azzjoni Preparatorja MEDIA International" għall-2008, il-Kummissjoni b'dan tistieden lill-konsorzja biex iressqu l-proposti.

2. Il-Kandidati eliġibbli

Is-sejħa hija miftuħa għal proposti minn entitajiet ġuridiċi mis-27 Stat Membru ta' l-UE u kwalunkwe pajjiż terz.

3. Il-Baġit għall-proġetti

L-ammont massimu disponibbli minn din is-sejħa huwa ta' EUR 1,98 miljun.

L-appoġġ finanzjarju mill-Kummissjoni ma jistax jaqbeż il-50 %, il-75 % jew it-80 % ta' l-ispejjez totali eliġibbli, skond in-natura ta' l-attività.

Il-kontribut finanzjarju se jingħata fil-forma ta' għotja.

It-tul massimu tal-proġetti huwa ta' 12-il xahar.

4. L-evalwazzjoni u l-għażla

Il-proposti mressqa se jiġu evalwati mill-Kummissjoni bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Il-kriterji użati għall-evalwazzjoni huma ddefiniti fil-Programm ta' Ħidma "MEDIA International". Il-proposti li jgħaddu mill-evalwazzjoni b'suċċess jiġu kklasifikati f'ordni skond il-kwalità. Il-proċess ta' evalwazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għal għotjiet mill-Kummissjoni huwa stipulat fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]).

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1) kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

5. **Id-data ta' l-għeluq għall-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet**

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-**13 ta' Ġunju 2008** lil:

Ms Aviva Silver
Il-Kummissjoni Ewropea
Directorate-General Information Society and Media
Directorate A — Audiovisual, Media and Internet
Unit A2 — MEDIA programme and media literacy
Office BU33 02/005
B-1049 Brussels

6. **Informazzjoni sħiħa**

It-test sħiħ tas-sejħa għall-proposti, flimkien mal-Programm ta' Ħidma, il-linji gwida u l-formoli ta' l-applikazzjoni jinsabu fl-indirizz elettroniku li ġej:

http://ec.europa.eu/media

L-applikazzjonijiet iridu jkunu konformi mat-termini kollha tas-sejħa għall-proposti u jridu jitressqu fuq il-formola pprovduta.